MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Numru 388/2012

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**
**KONTRA**

**SIMON TREVOR LEONARD CALLUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Simon Trevor Leonard Callus ta’ 29 sena, bin Michael u Lynn nee’ Cox, mwieled North Ampton l- Ingilterra fit- 30 ta’ Settembru 1982, residenti 54,
Triq Fra Diegu, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 72395M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 10 ta’ April 2012 ghal habta tat- 14.45hrs gewwa Classic Jewellry li jinsab Triq Bisazza, Tas-Sliema;

1) bla ordni skont il- Ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat jarresta lill- hati, zamm lil Liza Scerri kontra l- volonta taghha, bil- hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra jew biex igieghelha taccetta li taghmel xi tasferiment ta’ hwejjigha skont l- Artikoli 86 u 87 (1)(c)(e) tal- Kap 9;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta’ flus kontanti ta’ valur li ma jeccedix €232.29 liema serq huwa aggravat bil- vjolenza ghad-detriment ta’ Liza Scerri u jew ta’ persuni jew Kumpaniji ohra skont l- Artikolu 262 (1)(a)(b),(2) tal- Kap 9;

3) aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni t’ arma tan- nar jew imitazzjoni t’ arma regolari;

4) aktar talli garr il’ barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il- Kummissarju tal- Pulizija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tielet u r-raba’ imputazzjoni, u zamm ferm l-ewwel u t-tieni;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod

solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni tal-imputat fl-istadju tal-esami tieghu, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Nhar l-10 ta' April, 2012, l-imputat dahal fil-hanut "Classic Jewellery" fi Triq Bisazza, Tas-Sliema, u seraq ammont ta' flus kontanti fl-ammont ta' €130. Hu zamm idu fil-but, bhal li kieku kellu arma, u talab lil Liza Scerri, wahda mill-impjegati tal-hanut, biex taghtih il-flus li kien hemm wara l-bank. Hu gie identifikat mill-cameras li hadu filmat tal-incident kollu, u gie arrestat ftit wara mill-Pulizija. Fl-istqarrija tieghu, ammetta mal-Ispettur li kien hu li seraq mill-hanut indikat, u qal li ghamel hekk sabiex ikun jista' jixtri x'jiekol.

Ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti tara li ghalkemm ir-reat huwa wiehed gravi hafna, il-fatti tal-kaz huma anqas gravi mill-imputazzjonijiet. Di fatti l-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet u r-raba' imputazzjoni, peress illi mill-istess investigazzjoni taghhom, dawn ma rrisultawx. Inoltre, l-ammont misruq hu wiehed minimu, u l-imputat stqarr li hu lest li jrodd lura dan l-ammont lis-sidien tal-hanut. Ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, u tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll tal-fedina penali kwazi netta tieghu, il-Qorti sejra tikkundannah ghal piena ta' prigunerija, peress illi r-reat hu wiehed xorta gravi, izda ser tibqa' fil-minimum tal-piena, u sejra zzomm milli tidhol fis-sehh billi tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap 9, flimkien ma' ordni ta' supervizjoni skond l-Artikolu 28G tal-istess Kap, u ordni ghar-rifuzjoni tal-ammont misruq, skond l-Artikolu 28H tal-Kap 9. B'dan

il-mod, il-Qorti tkun qed torbot lill-imputat biex irodd lura lis-socjeta’ il-hsara li hu wettaq bill tipprovdi ghar-risarciment tar-res furtiva, tkun qed taghti lill-imputat opportunita’ biex verament ibiddel hajtu, u tkun qed tipprovdilu sorveljanza ghall-istess skop. Fl-eventwalita’ li xi wahda minn dawn il-kundizzjonijiet ma ssehhx, allura l-Qorti jkollha tirrendi din is-sentenza wahda ta’ prigunerija effettiva b’mod immedjat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 86, 87(1)(c)(e), 262 (1)(a)(b), 2 u Artikolu 275 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni tal- ewwel (1) u t- tieni (2) akkuzi din il-Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ €130 lil Classic Jewellers fi zmien xahar ai terminu tal- Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tiddikjara t- tielet (3) u r- raba’ (4) akkuzi rtirati.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------